MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 1268/2003/1

**RainbowMix Concrete Limited (C 6763).**

**vs.**

**Andrew Scicluna (ID 25264 M) u b'digriet tat-18 ta' Jannar 2005 giet kjamata fil-kawza is-socjeta` White Power Company Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 26 ta' Novembru 2003 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onoreveli Mhallef Gino Camilleri fejn gie premess:-

Illi l-konvenut huwa debitur lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta' hamest elef, tliet mija u erbgha u tmenin Lira u

disghin centezmu (Lm5,384.90), liema somma hija dovuta bhala bilanc fuq prezz ta' gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut fuq ordni tieghu stess, u mhux imhallas, skont kif jidher mill-i*statment* hawn anness u mmarkat Dok "A".

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas dan id-debitu, pero` baqa' inadempjenti (Dok "B").

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` attrici, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba attrici ghall-hlas tal-imsemmi debitu.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispenza mis-smigh *a tenur* tal-**artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

2. Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta' hamest elef, tliet mija u erbgha u tmenin Lira u disghin centezmu (Lm5,384.90), liema somma hija dovuta bhala bilanc fuq prezz ta' gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut; u

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamest elef u tliet mija u erbgha u tmenin Lira u disghin centezmu (Lm5,384.90).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti minn fol. 4 sa fol. 19 u  tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Gino Camilleri ghas-seduta tal-15 ta' Dicembru 2003.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti akkordat lill-konvenut jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data tal-istess digriet.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Andrew Scicluna datata 5 ta' Jannar 2004 a fol. 24 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi l-eccipjent ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-eccipjent ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjeta` attrici.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, s-socjeta` attrici ghandha tipprova illi effettivament bieghet u kkonsenjat lill-konvenut il-kwantita` kollha tal-materjal imsemmi fid-Dok "C" peress illi dan qed jigi kkontestat.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 24 u 25 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Marzu 2004 fejn *in vista* tal-eccezzjonijiet moghtija, l-Qorti ordnat l-inversjoni tal-provi.

Rat ir-rikors datat 30 ta' Settembru 2004 mis-socjeta' attrici fejn talbet li l-kawza **"Sand & Gravel Limited vs Andrew Scicluna"** (Citaz. Nru. 1269/03) tinstema' kontestwalment ma' din il-kawza u ghalhekk li dik l-kawza tigi rikjamata quddiem din il-Qorti, u l-konvenut b'risposta tieghu datata 11 ta' Ottubru 2004 irrimetta ruhhu ghall-istess. Tali talba giet milqugha b'digriet moghti fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2004 (fol. 33).

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Jannar 2005 fejn Dr. Joseph Zammit Maempel ghas-socjeta' attrici talab il-

kjamata fil-kawza tas-socjeta` White Power Company Limited u Dr. Paul Gauci Maistre ghall-konvenut rrimetta ruhu. Il-Qorti laqghet it-talba ghaliex fic-cirkostanzi dherilha li kien hekk opportun u allura ordnat il-kjamata fil-kawza tas-socjeta` White Power Company Limited. Il-konvenut prezenti fl-Awla ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni ghas-socjeta` kjamata fil-kawza u rriserva li jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet jekk ikun il-kaz fi zmien ghoxrin (20) gurnata minn dan il-verbal.

Illi rat il-verbal tas-seduti tad-19 ta' April 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-possibilita' ta' transazzjoni, u tat-2 ta' Gunju 2005 fejn gie verbalizzat li s-socjeta' kjamata fil-kawza naqset li tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha fiz-zmien preskritt mil-ligi b'dan li ghandha titqies bhala kontumaci ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Xehed Emanuel Aquilina, u Dr. Joseph Zammit Maempel iddikjara li m'ghandhux aktar provi u talab li l-kawza tibqa' differita ghas-sentenza, liema talba giet milqugha u l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghat-8 ta' Lulju 2005 (fol. 36).

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 24 ta' Gunju 2005 (fol. 39) fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex huwa jressaq il-provi tieghu u d-digriet tal-Qorti diversament presjeduta datat 8 ta' Lulju 2005 (fol. 39) fejn cahdet din it-talba ghaliex sostniet li ma jirrizultaw li jezistu ragunijiet bizzejjed sabiex tintlaqa' tali talba ghaliex il-konvenut kellu diversi opportunitajiet sabiex jipproduci l-provi tieghu.

Rat id-decizjoni tal-Qorti moghtija fit-8 ta' Lulju 2005 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Gino Camilleri fejn illiberat s-socjeta` kjamata fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju, cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u laqghet it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-konvenut (fol 41).

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Andrew Scicluna (ID 25264 M) datat 28 ta' Lulju 2005 a fol 45 tal-process.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` Rainbowmix Concrete Limited datata 25 ta’ Awwissu 2005 a fol 51 tal-process.

Rat l-atti ta’ din il-kawza gew imdahhlin illum 20 ta’ Jannar 2006.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell datat 14 ta’ Dicembru 2007 fejn l-appell gie differit ghat-8 ta’ Jannar 2008, u dak datat 8 ta’ Jannar 2008, u 5 ta’ Frar 2008 fejn wara li d-difensuri tal-partijiet trattaw l-appell il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghad-29 ta’ Frar 2008.

Rat in-nota tal-Avukat Dr. Joseph Zammit Maempel datata 8 ta’ Jannar 2008 fejn huwa rrinunzja ghall-patroncinju tas-socjeta’ attrici (fol. 63).

Rat id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 29 ta’ Frar 2008 fejn gie revokat id-digriet datat 8 ta’ Lulju 2005 fejn giet michuda t-talba ghall-prolazzjoni tas-sentenza mitluba mill-konvenut, kif ukoll giet revokata s-sentenza moghtija fl-istess data bejn il-partijiet u ordnat li l-atti ta’ din il-kawza jigu rinvijati ghal quddiem l-Ewwel Qorti sabiex l-istess Qorti tiddeciedi l-kaz wara li tisma’ u tiehu konjizzjoni tal-provi tal-konvenut, u dan *stante* li l-attur gia’ ddikjara li ma kellux provi ohra.

Rat li din il-kawza giet mibghuta lil din il-Qorti kif presjeduta u l-Qorti kif hekk illum presjeduta appuntat din il-kawza ghas-smigh ghad-29 ta’ April 2008.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Ottubru 2008 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet li qablu li l-provi li jingabru fil-kawza Citaz.Nru. 1269/03 ghandhom japplikaw bhala provi f’din il-kawza u ghalhekk allura l-ordnijiet li hemm moghtija ghall-gbir tal-provi ghandhom iservu sabiex jigu maghluqa l-provi f’din il-kawza u l-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni ghat-22 ta’ Jannar 2009.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Jannar 2009 fejn il-Qorti ikkonfermat d-digriet taghha sabiex il-konvenut

jipprezenta l-affidavit tieghu fi zmien erbghin (40) gurnata u mill-bqija kkonfermat id-digriet moghti fil-kawza l-ohra li kienet miexja ma' din il-kawza dwar il-gbir tal-provi u l-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni ghat-2 ta' April 2009.

Rat in-nota tal-konvenut datata 27 ta' Frar 2009 (fol. 75) fejn huwa prezenta l-affidavit tieghu (Dok. “AS1”) u dokumenti (Dok. “AS 2” u “AS3”), u inghad li tali affidavit u dokumenti ghandhom jghoddu bhala prova fil-kawza fl-ismijiet Sand and Gravel Limited vs Andrew Scicluna (Citaz. Nru. 1269/03/RCP) peress li dawn iz-zewg kawzi kienu qed jinstemghu kontestwalment.

Rat il-verbal tas-seduta datata 2 ta' April 2009 fejn deher Dr. Jean Carl Farrugia ghas-socjeta` attrici u l-kawza giet differita ghas-16 ta' Gunju 2009 sabiex sadanittant tinzamm seduta ghall-kontro ezami ta' Andrew Scicluna quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri.

Rat il-verbal tas-seduta datata 16 ta' Gunju 2009 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u l-Qorti regghet ordnat li tinzamm l-ahhar seduta fit-13 ta' Lulju 2009 f'nofs in-nhar u wara tali seduta l-provi tal-partijiet gew iddikjarati maghluqa.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri, inkluz dik tal-14 ta' Lulju 2009 fejn dehru d-difensuri tal-konvenut, izda la s-socjeta` attrici u lanqas id-difensur taghha ma dehru (fol. 91).

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Ottubru 2009 fejn il-Qorti ordnat li jigu ffissati zewg seduti ghall-provi kollha tal-partijiet quddiem l-Assistent Gudizzjarju u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-23 ta' Frar 2010.

Rat il-verbali tas-seduti tat-2 ta' Novembru 2009 (fol. 93) u 18 ta' Novembru 2008 (fol. 94), fejn dehru biss id-difensuri tal-konvenut, u s-socjeta` attrici u d-difensur taghha Dr. Jean Carl Farrugia baqghu ma dehrux.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Frar 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Joseph Schembri u Dr. Gauci

Maistre ghall-konvenut. Deher ukoll Dr. Jean Carl Farrugia ghas-socjeta` attrici. Dr. Farrugia ghas-socjeta` attrici talab li tinzamm seduta ohra quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri sabiex isir il-kontro-ezami tal-konvenut u b' hekk jinghalqu l-provi f'din il-kawza. Dr. Schembri u Dr. Gauci Maistre ghall-konvenut gibdu l-attenzjoni tal-Qorti li kien hemm zewg seduti ghal dan l-iskop li ghalihom la deher l-attur u lanqas l-avukat tieghu u ghalhekk opponew ghat-talba. Il-Qorti wara li rat li dan il-kontro-ezami kienu ilu biex isir almenu mis-seduta tat-2 ta' April 2009, u li fiz- zewg seduti li nzammu la dahret is-socjeta` attrici u lanqas id-difensur taghha, meta tali seduti gew mizmuma appositament mill-Assistent Gudizzjarju ghall-kontro-ezami tal-konvenut, hija cahdet ghalhekk it-talba. Dr. Farrugia talab jaghmel nota. Il-Qorti laqghet it-talba u tat tletin (30) gurnata lil kull parti ghan-noti relattivi skont digriet hemm moghti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Mejju 2010.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet Sand & Gravel Limited vs Andrew Scicluna (Citaz. Nru. 1269/03) u tikkonferma l-ordni moghtija li l-provi f'dik il-kawza ghandhom jghoddu bhala provi f'din il-kawza u *vice versa* u dan ghaliex gie degretat li tali kawzi jimxu flimkien.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn s-socjeta` attrici kienet talbet li l-konvenut Andrew Scicluna jhallasha l-ammont ta' Lm5,384.90 bilanc minn somma akbar rappresentanti prezz ta' gebel u materjal tal-bini kkonsenjat lill-konvenut mis-socjeta` attrici.

Illi l-konvenut kien eccepixxa li huwa ma' kellu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici, u ma huwiex il-legittimu kontradittur; apparti li gie kkontesta li sar il-bejgh u kkonsenja tali materjal indikat mis-socjeta` attrici lill-konvenut. In sostenn ta' dan fid-dikjarazzjoni (fol. 24) tieghu l-konvenut sostna li l-mertu tal-kawza origina minn *barter* bejn is-socjeta` Sand & Gravel Limited u s-socjeta` White Power Company Limited rapprezentata mill-konvenut, u ghalhekk fil-kwalita` personali tieghu l-konvenut qatt ma kkontratta mas-socjeta` attrici. L-istess qed jikkontendi fil-kawza l-ohra istitwita kontra tieghu mis-socjeta` Sand & Gravel Limited (Citaz. Numru 1269/03) ghall-ammont ta' Lm6,454.77 liema ammont gie kkontestat ukoll mill-konvenut.

Illi s-socjeta` attrici min-naha taghha sostniet li f'dan il-kaz ghad baqaghlha tiehu l-ammont ta' Lm5,384.90 bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' gebel u materjal ta' bini mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta` attrici lill-konvenut, u in sostenn ta' dan hija esebiet rendikont (Dok. "A") fejn indikat li l-ammont konsenjat kien ta' Lm24,384.90 (fol. 7 sa 12) li minnhom thallsu l-ammont ta' Lm19,000, u ghalhekk baqa' l-bilanc imsemmi fic-citazzjoni attrici. Dan l-ammont dejjem kien intestat kontra l-konvenut personalment u dan peress li l-attur isostni li l-ordnijiet saru mill-konvenut personalment (xhieda tat-2 ta' Gunju 2005).

Illi l-konvenut min-naha tieghu jghid li r-relazzjoni kienet mas-socjeta` White Power Company Limited, tant li din iffirmat konvenju datat 29 ta' Jannar 1997 (Dok. "S1"- fol. 27 fil-kawza Citaz. Numru 1269/03) mas-socjeta` Sand and Gravel Limited, sabiex hija tbiegh lill-istess socjeta` attrici zewg *flats* ghall-prezz ta' Lm37,000, liema prezz kellu jithallas permezz ta' konsenja ta' konkos, *bricks* u planki.

Illi fil-verita` jidher li in parti hekk sar tant li gie kkonsenjat mis-socjeta` attrici lis-socjeta` kjamata fil-kawza materjal almenu ghall-valur ta' Lm19,000 li gew akkrediti mis-socjeta` attrici stess bhala pagament mis-socjeta` kjamata

fil-kawza u dan jidher mid-Dok. “AS 2” (fol. 80) mahrug mis-socjeta` attrici stess fejn jinghad li tali ammont gie appuntu ricevut mhallas mis-socjeta’ kjamata in kawza – u hemm indikat fuq l-istess dokument ukoll il-kliem miktubin *“paid cash to creditor – TPARTIT”* (Ricevuta Numru 05767 datata 17 ta’ Ottubru 2000).

Illi jirrizulta wkoll li skont ix-xhieda tal-konvenut *in vista* li kien sar tali pagament, *flat* minnhom gie trasferit fuq talba tas-socjeta` attrici favur terza persuna ndikata mill-Perit Emmanuel Zammit (li mieghu kien sar xi tpartit mis-socjeta` attrici) u dan ghaliex il-valur ta’ xoghol ikkonsenjat kien iwassal biss ghall-prezz ta’ *flat* wiehed.

Illi meta qieset dan l-istat ta’ provi, din il-Qorti thoss li gie ppruvat li r-relazzjoni tas-socjeta` attrici kienet verament mhux mal-konvenut, izda mas-socjeta` kjamata fil-kawza, u ghalhekk l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut qed jigu milqugha u l-istess qed jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi dwar il-kawza fil-konfront tas-socjeta` kjamata fil-kawza, din il-Qorti xorta ghandha tikkonsidra jekk l-allegazzjonijiet attrici gewx ippruvati ghaliex ghalkemm l-istess socjeta` kjamata fil-kawza baqghet ma pprezentatx nota ta’ eccezzjonijiet (ghal xi raguni jew ohra), huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li l-kontumacja hija opposizzjoni. Fid-dawl ta’ dan jirrizulta mill-affidavit ta’ Andrew Scicluna li huwa qed jikkontesta li rcieva l-ammont ta’ Lm1,208.11 mis-somma rikjesta f’din il-kawza ta’ Lm5,384.90, ghaliex qed jghid li huwa qatt ma ffirma ghall-istess konsenji hemm indikati, tant li talab li jigu provduti *d-delivery notes* relattivi, liema dokumenti qatt ma gew prezentati lilu, u lanqas in verita` ma gew ipprezentati f’din il-kawza.

Illi b’hekk l-ammont rikjest mis-socjeta` attrici fil-kuntest tas-socjeta` kjamata fil-kawza ghandu jitnaqqas ghall-ammont ta’ Lm4,176.79, ghaliex is-socjeta` attrici ma ppruvatx li kkonsenjat l-imsemmija konsenji ndikati mis-socjeta` kjamata fil-kawza, u dan meta kien oneru tas-socjeta` attrici li tipprova l-istess ammont ta’ konsenji in

kontestazzjoni, peress li l-oneru ta' prova hija fuq min jallega, u dan l-oneru ta' prova s-socjeta` attrici certament li ma ssodisfatux.

Illi ghalhekk *in vista* tal-premess l-ammont dovut mis-socjeta` attrici huwa dak fl-ammont ta' €9,729.30 ekwivalenti ghal Lm4,176.79, u t-tieni u tielet talba attrici qed jintlaqghu f'dan l-ammont fil-konfront tas-socjeta` kjamata fil-kawza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **filwaqt li tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju**, **tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' kjamata fil-kawza White Power Company Limited biss kif hawn deciz** b'dan illi:-

2. Tiddikjara illi s-socjeta' kjamata fil-kawza White Power Company Limited hija debitrici lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta' disat elef, seba' mija u disgha u ghoxrin ewro u tletin centezmu (€9,729.30 - ekwivalenti ghal erbat elef, mija u sitta u sebghin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm4,176.79) liema somma hija dovuta bhala bilanc fuq prezz ta' gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' kjamata fil-kawza; u

3. Tikkundanna lis-socjeta` kjamata fil-kawza White Power Company Limited thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disat elef, seba' mija u disgha u ghoxrin ewro u tletin centezmu (€9,729.30 - ekwivalenti ghal erbat elef, mija u sitta u sebghin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm4,176.79) liema somma hija dovuta bhala bilanc fuq prezz ta' gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta` kjamata fil-kawza kif hawn deciz.

Bl-ispejjez tal-konvenut jibqghu a karigu tas-socjeta` attrici, u bl-ispejjez l-ohra jibqghu kwantu ghal kwart (1/4) mis-socjeta` attrici u tlett kwarti (3/4) mis-socjeta' kjamata

fil-kawza bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` kjamata fil-kawza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------